# IL-BANDA TAL-PULIZIJA

**Mill-Ispettur Anzjan V. Bonnici A.Mus., LCM**

Fl-1919 Lieut. Colonel Henry W. Bamford laħaq Kummissarju tal-Pulizija u bħalma huwa magħruf uffiċjalment u kien ir-riformatur tal-Korp tal-Pulizija b'ġid kbir lis-soċjeta' Maltija u b'risq l-istess Korp tal-kustodi tal-paċi pubblika.

Fost ir-riformi u n-novazzjonijiet insemmu t-twaqqif u l-ġrajja ta' l-Għaqda Mużikali ġdida għal Malta għax iffurmata minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Il-ħsieb ewlieni ta' din l-istituzzjoni kulturali kien, għadu u jibqa' sabiex il-Korp tal-Pulizija barra mid-dmirijiet onerużi, delikati u diffikultużi għaż-żama tal-bonordni u tal-paċi pubblika jkun jista' wkoll jgħin lis-soċjetajiet tal-Karita' u Istituti billi l-banda tal-Pulizija tieħu sehem f'kunċerti, wirjiet, laqgħat musiko letterarji u affarijiet simili, mingħajr ħlas.

Tarma u twaqqaf banda mużikali xejn mhu faċli. Iżda bħal ma jgħid il-proverbju Ingliż 'Where there is a will, there is a way'. Din ir-rieda qawwija rajniha titħaddem mill-Kummissarju Bamford mgħejjun bir-rieda tajba ta' l-uffiċjali tal-Korp. F'laqgħa ġenerali bejn l-uffiċjali u subalterni tal-Korp inqata' għalenija, li titwaqqaf banda magħmula minn membri tal-Korp tal-Pulizija u b'hekk il-Korp tal-Pulizija ta' Malta ma baqax inferjuri minn dawk ta' pajjiżi oħra f'dik li hi kultura.

Beda x-xogħol u l-ewwel ma sar kien is-sejħa għal surmast direttur organizzatur. Minn fost il-konkorrenti ġie magħżul Mro. E. Magro, ex-bandmaster ta' l-Orkestra tal-Commander-in-Chief, li kien għadu kif irtira bil-pensjoni. Magħżul is-surmast direttur, b'ċirkolari tal-Kummissarju tal-Pulizija, issejħu dawk il-membri tal-Korp li huma mużikanti speċjalment dawk li kienu bandisti f'baned ċivili qabel daħlu fil-Korp. Għal din is-sejħa, wieġbu 13 biss.

B'daqshekk ir-rieda tajba ma naqqset xejn minn dik il-qawwa tagħha ta' qabel. Għadd li ċkejkna, l-għadd tal-bandisti, l-Awtorita' tilmaħ mill-bogħod, ġietha l-okkażjoni tajba u minnufih ħatfitha għax xtrat l-istrumenti kollha tal-Banda tar-Reġiment Malti "King's Own Royal Militia", li kien għadu kif żbanda.

L-ewwel kunċerti bil-ftit bandisti bdew isiru f'kamra mdaqqsa fid-Depot tal-Pulizija, il-Belt. F'qasir żmien, l-għadd tal-bandisti laħaq 30. Dawn kienu kollha ex-bandisti tar-Reġiment Malti żbandat u oħrajn ġew trasferiti mill-Malta Royal Artillery.

Il-Banda tal-Pulizija, imwaqqfa formali, armata bi strumenti tajbin u armonjużi, bdiet tieħu sehem f'ċerimonji uffiċjali ċivili bħall-parata f'Jum l-Armistizzju f'Novembru ta' kull sena flimkien ma' baned oħrajn tas-servizzi. Kienet ukoll tkun minn quddiem nett fi żjajjar ta' persunaġġi reali billi tkun mistiedna mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur biex twettaq programm ta' mużika magħżul waqt il-ħin tal-pranzu uffiċjali fil-Palazz il-Belt, f'social parties il-Palazz ta' San Anton u l-Palazz tal-Buskett.

Billi banda tas-servizz, dixxiplinata u mgħallma b'kultura mużikali safja, dejjem kienet u tibqa' tikseb suċċessi fl-arti u fis-soċjeta' b'ammirazzjoni ta' dawk kollha li jħobbu l-mużika, u ta' eżempju lil xi wħud mill-baned ċivili, din tgħaddi 'l quddiem, tant hu hekk li bit-tħabrik tal-Kummissarju u l-Uffiċjali, waslet mil-Londra strumentatura ġdida.

Fit-3 ta' Frar, 1939, Mro. Magro billi għalaq is-60 sena ta' ħajja dejjem megħdija fl-arti mużikali ħtieġlu li jinfatam mis-servizz tal-Banda u floku fl-10 ta' Marzu ta' l-istess sena laħaq Bandmaster is-Surġent Maġġur Mro. Carmelo Brincat Taħt dan is-surmast direttur il-banda tal-Pulizija, bil-ħaqq kollu kisbet isem

Fl-1 ta' Awissu 1956 is-Surmast Clo Brincat, bħal ta' qablu kellu jirtira mis-servizz minħabba li kien għalaq is-60 sena. Hawnhekk il-banda ġiet sospiża minħabba xi esiġenzi tas-servizz u damet wieqfa sa kważi nofs is-sena 1957 meta nħass il-bżonn li l-banda tal-Pulizija terġa' titwaqqaf.

Il-Kummissarju ta' dak iż-żmien ma kellux problema biex



Mro. E. Magro



Mro. Clo. Brincat



Mro. V. Bonnici A.Mus. L.C.M.



Mro. V. Cremona

isib Bandmaster ieħor minflok is-Surmast Brincat għaliex fil-Korp ġa kellu ieħor lest mimli b'talent mużikali u b'ċertifikati u Diplomi meħtieġa mil-London College of Music (A.Mus. L.C.M.) u dan kien l-Ispettur Vincent Bonnici, il-Bandmaster preżenti.

Is-Surmast Bonnici daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala Riservista fl-4 ta' Mejju, 1940. Sar regolari f'Settembru tal-1945 u f'Diċembru tal-1948 laħaq Surġent wara li għadda b'suċċess minn eżami kompetittiv. F'Novembru tal-1956 laħaq Spettur tal-Pulizija.

Taħt dan is-Surmast, il-Banda tal-Pulizija reġgħet tfaċċat fil-pubbliku fejn daqqet Programmi Mużikali u ħadet sehem f'diversi funzjonijiet oħra. Kien f'dan iż-żmien li b'insistenza u tħabrik ta' dan, is-Surmast li waslet mil-Londra strumentatura ġdida oħra li għadha tintuża sal-lum.

Għal darb'oħra l-Banda tal-Pulizija kellha tiġi xolta minħabba l-esiġenzi tas-servizz u fit-23 ta' Ottubru, 1965, Mro. Bonnici rtira bil-pensjoni fl-eta' ta' 44 sena wara li għalaq il-25 sena servizz. Fl-istess sena l-Banda tal-Pulizija reġgħet ġiet imwaqqfa u din id-darba taħt it-tmexxija tas-Surġent Vincent Cremona. Dan is-Surmast dam sa Frar tal-1973 meta l-Gvern preżenti ħass il-ħtieġa li jirriforma l-Banda u jtellagħha f'livell ogħla. Is-Surmast Bonnici reġa ħa l-ħatra ta' Bandmaster u bla telf ta' żmien intefa' b'ruħu u ġismu fuq dan ix-xogħol. Fi ftit taż-żmien il-Banda laħqet dak il-livell għoli tant mixtieq u x-xhieda ta' dan hemm il-programmi ta' mużika mżewqa li l-Banda tat f'diversi okkażjonijiet.



IL-BANDA TAL-PULIZIJA – 1933

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjoni tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Lulju, 1977, kienet għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:—

**Ex-Surġent Nru. 314**
**John Fenech.**



**Ex-Kuntistabbli Nru. 52**
**Joseph Vella**



Minn din il-ħarġa ta' dan il-magazine se nibdew inġibu r-ritratti ta' dawk l-ex membri tal-korp li għalihom tkun tħalset il-kontribuzzjoni tal-Mutual Help Association. Fil-ħarġiet ta' Awissu u ta' Settembru se nippublikaw kif twaqqfet u kif taħdem din il-Mutual Help Association.